# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

**Seduta tas-6 t'Ottubru 2023**

**Rikors Numru : 235/2023 JPG**

**Kawza Numru : 19**

**DP**

**Vs**

**DG**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' DP datat 25 t'April 2023, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

1. *Illi l-partijiet iżżewġu fis-6 ta' Ġunju, 2009 (**Dok. A**) u minn dan iż-żwieġ għandhom tifel NAPG li twieled f'X*

2. *Illi l-partijiet huma mifrudin legalment b'kuntratt datat 22 ta' Diċembru, 2021 fl-atti tan-Nutar Francesca Cachia Zammit (**Dok. B**).*

3. *Illi l-partijiet ilhom ma jgħixu flimkien sa minn Diċembru, 2021.*

4. *Illi m'hemm ebda prospett ragjonevoli għal rikonċiljazzjoni bejniethom.*

5. *Illi l-manteniment dovut mir-rikorrenti lill-minuri NAPG jitħallas regolarment skont it-termini tal-istess kuntratt ta' firda hawn fuq ċitat u li ma hemm l-ebda manteniment dovut lil xi waħda mill-partijiet.*

6. *Illi l-fatti fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha meħtieġa għal ksib ta' divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodiċi Ċivili.*

*GĦALDAQSTANT ir-rikorrenti umilment jitlob lill-Onorabbli Qorti sabiex:*

1. *TIPPRONUNZJA l-ħall taż-żwieġ tal-partijiet.*

2. *TORDNA lir-Reġistratur tal-Qorti sabiex, fiż-żmien prefiss għaldaqshekk mill-istess Qorti, javża lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi permezz ta' affissjoni u pubblikazzjoni;

Rat ir-risposta tal-intimata (Vide Fol 21) li taqra hekk:

1. *Illi fl-ewwel lok jinghad li mhux kontestat li l-partijiet izzewgu fis-6 ta' Gunju 2009 u lanqas illi miz-zwieg taghhom twieled NAPG nhar il-X.*

2. *Illi lanqas ma huwa kkontestat li huma sseparaw in atti tan-Nutar Francesca Cachia Zammit nhar it-22 ta' Dicembru 2021;*

3. *Illi l-esponenti taqbel ukoll li m'hemm ebda pendenzi fuq il-manteniment tal-minuri;*

4. *Illi l-esponenti taqbel ukoll illi m'ghad hemm ebda cans ta' rikonciljazzjoni bejnha u r-rikorrent anke ghaliex ilhom jghixu separati de facto ferm qabel minn meta huma fattwalment ssepparaw;*

5. *Illi l-esponenti ghaldaqstant, ma topponix ghat-talba ghall-otttjeniment tad-divorzju, ghalkemm topponi ghall-ispejjez tal-proceduri odjerni.*

Ezaminat ix-xhieda bil-gurament;

Rat il-verbal tal-20 ta' Gunju 2023 fejn il-partijiet kif assistiti ddikjaraw li ma kellhomx aktar provi x'jipproducu jew trattazzjoni x'jaghmlu u stiednu lill-Qorti tghaddi ghas-sentenza.

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**L-attur** fin-nota guramentata tieghu sostna illi l-kontendenti zzewgu nhar is-6 ta' Gunju 2009 u li minn dan iz-zwieg twieled tifel li ghadu minorenni. Iddikjara illi filfatt dan iz-zwieg ma rnexxiex u l-kontendenti sseparaw legalment permezz ta' kuntratt datat 22 ta' Dicembru 2021 fl-atti tan-Nutar Dr Francesca Cachia Zammit. Xehed illi ma hemm ebda tama ta' rikonciljazzjoni stante li t-tnejn li huma jghixu hajja totalment separata minn xulxin. Sostna illi ma hemm ebda obbligu ta' manteniment bejn il-partijiet.

L-intimata xehdet (Vide affidavit Fol 22 et seq.) u kkorroborat dak li xehed l-attur.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***
>
> ***(… omissis)***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***
>
> ***(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li***

***jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:***

***Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew***

***(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u***

***(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:***

***Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:***

***Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement ppruvat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar is-6 ta' Gunju 2009, liema zwieg jgib certifikat numru 739/2009 (Vide certifikat taz-zwieg, fol 3). Minn dan iz-zwieg kellhom tifel wiehed li ghadu minorenni.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta’ kuntratt ppubblikat fl-atti tan-Nutar Dr Francesca Cachia Zammit nhar it-22 ta’ Dicembru 2021 (vide Dok B fol 4 et seqq.). Ghalhekk jirrizulta illi l-kontendenti ilhom legalment separati ghal terminu ta’ zmien li jeccedi dak rikjest mill-ligi.

Jirriżulta ukoll illi ma hemmx pendenzi ta’ manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta’ rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib certifikat numru 739/2009 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna illi l-ispejjes jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**